**23 ta' Frar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci,C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Paolo Galea et.

*versus*

Giuseppe Agius

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Smiegħ mil-Ġdid — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Art. 34 tal-Kap. 109.**

*Jekk ir-rikorrent jonqos li jidher għat-trattazzjoni tar-rikors tiegħu quddiem il-Bord tal-Kera, il-Bord għandu jiċħad it-talba tiegħu bl-ispejjeż; salv id-dritt tar-rikorrent li jitlob li r-rikors tiegħu jiġi mismugħ mill-ġdid, kemm il-darba huwa jagħmel it-talba relattiva fi żmien sitt ijiem mis-sentenza li tkun ċaħdet it-talba tiegħu, u jagħti raġuni*

*tajba għas-sodisfazzjon tal-Bord biex jiġġustifika n-nuqqas ta' dehra tiegħu.*

*Din it-talba għas-smiegħ mill-ġdid tar-rikors tiddependi milli tingħata lill-Bord raġuni tajba għan-nuqqas ta' dehra, u d-deċiżjoni tal-Bord dwar jekk kienx hemm din il-ġustifikazzjoni ma tikkostitwix ebda determinazzjoni ta' xi punt ta' liġi li jirrendi dik is-sentenza appellabbli; b'mod illi dik is-sentenza tkun appellabbli mhux għaliex il-Bord talvolta jkun ivvaluta ħażin ir-raġuni ta' fatt mogħtija għan-nuqqas ta' dehra, jew għax il-Bord ikun ikkunsidra bħala ġustifikazzjoni fatt li l-Qorti tal-Appell forsi ma kienetx kieku hekk tikkunsidra, imma jekk ikun jidher illi, meta għamel dan, il-Bord ivvijola l-liġi jew għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi.*

*Imma jekk ir-rikors ikun sar minn tnejn minn nies u wieħed minnhom biss ikun iġġustifika n-nuqqas ta' dehra tiegħu, u l-Bord ikun iddeċieda illi mill-ġustifikazzjoni ta' wieħed jibbenefika anki r-rikorrent l-ieħor, b'mod li r-rikors jinstama' mill-ġdid anki għar-rigward tar-rikorrent li ma ġġustifikax in-nuqqas ta' dehra tiegħu, din id-deċiżjoni hija appellabbli. Deċiżjoni simili, però, hija sewwa.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-imsemmijin aħwa Galea quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, li biha talbu illi jerġa jinstama r-rikors fl-istess ismijiet deċiż minn dak il-Bord fit-18 ta' April 1961, billi kienet ġiet miċħuda t-talba peress illi la kienu dehru r-rikorrenti u lanqas id-difensuri tagħhom;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tat-28 ta' Novembru 1961, li biha ddeċieda billi laqa' t-talba, ħassar id-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' April 1961, u ordna li r-rikors jiġi trattat mill-ġdid fis-seduta tal-ewwel ta' Frar 1962, għal liema ġurnata baqgħet differita l-kawża; spejjeż riżervati; wara li kkunsidra;

Illi r-rikors oriġinali kien ġie preżentat fil-25 ta' Frar 1961, u appuntat għat-28 ta' Marzu 1961. F'din id-data,

meta ssejjaħ ir-rikors, la deħru r-rikorrenti u lanqas id-difensuri tagħhom, u l-intimat talab illi t-talba tiġi miċħuda a tenur tal-art. 34 tal-Kap. 109, u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-18 ta' April 1961; f'liema ġurnata ġiet miċħuda t-talba fuq il-motiv illi, meta kienet issejħet il-kawża fit-28 ta' Marzu 1961, ma kien deher ħadd mir-rikorrenti jew id-difensur tagħhom. Fl-24 ta' April 1961, jiġifieri fit-terminu kontemplat fl-art. 34 tal-Kap. 109, ġie preżentat mir-rikorrenti r-rikors odjern;

Irriżulta mill-provi illi r-rikorrent Paolo Galea, meta ssejħet il-kawża l-ewwel darba fit-28 ta' Marzu 1961, kien imsiefer, għaliex kien telaq għal Tripli lejliet u ġie lura fis-16 ta' April 1961 filgħaxija, jiġifieri anqas minn jumejn sħaħ qabel ma ġiet deċiża l-kawża. Qabel ma siefer kien jaf għal liema ġurnata kien ġie appuntat ir-rikors;

It-tieni paragrafu tal-art. 39 jgħid li r-rikorrent jista' jagħmel rikors biex it-talba tiegħu tiġi mismugħa mill-ġdid, jekk jissoddisfa lill-Bord bir-raġuni talli ma kienx deher. Fil-każ ta' Paolo Galea raġuni kien hemm; ladarba kien imsiefer, ma setgħax jidher quddiem il-Bord. Għal ħuħ Giuseppe ma ġiet addotta ebda raġuni; però, la darba t-talba hija waħda, ma tistgħax tiġi milqugħa għal wieħed u miċħuda għall-ieħor; jekk tiġi ammessa għal Paolo Galea, jibbenefika Giuseppe Galea wkoll;

Il-kwistjoni, però, ma tieqafx hawn. It-talba ma ġietx miċħuda seduta stante, imma fis-seduta tat-18 ta' April 1961. Ir-rikorrent Paolo Galea sa dan it-tant kien irritorna Malta, u la hu u lanqas ħuħ Giuseppe ma talbu ebda sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Normalment, deċiżjonijiet simili jingħataw seduta stante meta r-rikorrent ma jidherx; iżda l-liġi ma timponix illi t-talba għandha bilfors tiġi miċħuda dak inhar. Fi kwalunkwe każ, il-Bord ma daħalx fil-meritu tat-talba, u ċaħadha fuq il-motiv biss illi r-rikorrenti ma kienux deħru. Għalhekk tibqa' ntatta l-fakoltà tar-rikorrent li jitlob ir-ritrattazzjoni jekk jagħmel it-talba fit-terminu u jiġġustifika l-assenza tiegħu. F'dan il-każ, it-talba saret fi żmien ta' sitt ijiem kif trid il-liġi, u l-assenza ta' Paolo

Galea ġiet ġustifikata. Għalhekk, is-sentenza ma għaddietx in ġudikat; għaliex il-Bord ma kienx daħal fil-meritu; u ċaħad it-talba fuq il-motiv biss tan-nuqqas ta' komparizzjoni tar-rikorrenti;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Giuseppe Agius appella minn dik id-deċiżjoni u talab li tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tal-aħwa Galea għas-smiegħ mill-ġdid tar-rikors maqtugħ mill-Bord fit-18 ta' April 1961; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Il-fatti huma ġa riportati fid-deċiżjoni appellata, u fuqhom ma hemmx kwistjoni;

Il-kwistjoni f'dan l-appell tirrigwarda l-art. 34 tal-Kapitolu 109 tal-Edizzjoni Riveduta, li jiddisponi hekk:— "If the applicant fails to appear at the hearing of the application, the Board shall dismiss the application and order the costs to be borne by the applicant. Provided that the applicant may, within six days of such decision, apply to the Board for a retrial of his application, if he explains his default to the satisfaction of the Board";

Kwantu għaż-żmien, ma hemmx kwistjoni illi r-rikors tal-appellati fol. 5 ġie preżentat fi żmien sitt ijiem mill-ewwel deċiżjoni tal-Bord. fol 5. Dik id-deċiżjoni ma ngħatatx fil-ġurnata li fiha l-appellati kienu naqsu li jidhru: iżda kif hemm osservat fid-deċiżjoni issa appellata, il-liġi ma timponix illi deċiżjoni bħal dik tingħata fl-istess ġurnata; u dwar din il-kwistjoni ma hemm imqanqal ebda punt fl-appell preżenti;

Inveċe kif jidher mir-rikors ta' dan l-appell, il-gravam tal-appellanti kontra d-deċiżjoni issa appellata huwa essenzjalment illi, kuntrarjament għal dak li rritjena l-Bord f'dik id-deċiżjoni, l-appellati ma wrew ebda ġusta kawża għan-nuqqas ta' dehra tagħhom quddiem il-Bord fis-seduta tat-28 ta' Marzu 1961;

Tant fir-rikors ta' dan l-appell, kemm fid-deċiżjoni appellata, jissemma wkoll u hu diskuss in-nuqqas ta' dehra tal-appellati quddiem il-Bord fis-seduta tat-18 ta' April 1961, meta ngħatat id-deċiżjoni fol. 4. Iżda dan hu rrilevanti, għaliex dik id-deċiżjoni ma hi bl-ebda mod bażata fuq "dan" in-nuqqas, iżda hi espressament bażata biss fuq in-nuqqas ta' dehra fis-seduta tat-28 ta' Marzu 1961, u kwindi hu relattivament għal din l-aħħar data biss li tista' tkun rilevanti d-diskussjoni tal-eżistenza jew le ta' kawża ġusta għan-nuqqas ta' dehra;

Issa, fid-deċiżjoni appellata l-Bord irritjena illi għall-appellat Paolo Galea raġuni kien hemm, peress li dak inħar hu kien imsiefer, u la kien hekk hu ma setgħax jidher quddiem il-Bord; għalhekk l-assenza ta' Paolo Galea ġiet ġustifikata;

Ġa ntqal aktar il-fuq illi, biex talba quddiem il-Bord li tkun ġiet miċħuda minħabba li r-rikorrent ma jkunx deher għas-smiegħ terġa tiġi mismugħa mill-ġdid, jeħtieġ li r-rikorrent jispjega n-nuqqas tiegħu "to the satisfaction of the Board". Dan hu kliem li juri illi l-liġi qegħeda tagħti diskrezzjoni lill-Bord li japprezza r-raġunijiet li jinġiebu biex jiġġustifikaw l-assenza, u li jilqa' jew jiċħad it-talba għas-smiegħ mill-ġdid skond jekk dawk ir-raġunijiet ikunux, fil-fehma tiegħu, ġustifikazzjoni jew le ta' dik l-assenza;

Hi ħaġa evidenti illi per sè, l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni f'sens jew f'ieħor ma hux deċiżjoni fuq punt ta' liġi; appuntu għaliex normalment dak l-eżerċizzju jiddependi minn valutazzjoni taċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ individwali;

Anki stess fil-każijiet meta d-deċiżjonijiet ta' Qorti Inferjuri huma appellabbli b'mod ġenerali lill-Qorti Superjuri, din użwalment ma tiddisturbax l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni magħmul mill-Qorti Inferjuri, ħlief f'każijiet eċċezzjonali meta dak l-eżerċizzju jidher inġust jew illegali;

Fil-każ ta' deċiżjonijiet tal-Bord, il-limitazzjoni mpos-

ta lil din il-Qorti hi speċifikata u magħmula bil-liġi stess, in kwantu li l-appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord ma jingħatax lilha ħlief fuq punt ta' liġi deċis fid-deċiżjoni tal-Bord;

In kwantu t-talba għas-smiegħ mill-ġdid tiddependi milli tingħata lill-Bord raġuni tajba għas-sodisfazzjon tiegħu għan-nuqqas ta' dehra, il-każ mhux dissimili minn dak, per eżempju, kontemplat fl-art. 204 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li ma jippermettix is-smiegħ ta' provi ġodda wara l-għeluq tas-smiegħ ta' kawża ħlief għal raġuni tajba, naturalment għas-sodisfazzjon tat-tribunal. Issa, b'riferenza għal dan l-artikolu, din il-Qorti f'żewġ sentenzi reċenti rriteniet illi ċ-ċaħda tal-Bord li jagħti dak il-permess għall-provi ġodda, anki jekk, għall-grazzja tal-argument, hu jkun uża d-diskrezzjoni tiegħu żbaljatament, ma tikkostitwix determinazzjoni fuq punt ta' liġi li jirrendi d-deċiżjoni tal-Bord appellabbli ("Zammit vs. Cremona", 10.11.1961; "Farrugia vs. Giordimaina", 20.11. 1961);

Għalhekk biex id-deċiżjoni appellata tkun appellabbli lil din il-Qorti, jeħtieġ li jidher mhux illi l-Bord talvolta vvaluta ħażin ir-raġuni ta' fatt mogħtija mill-appellat Paolo Galea għan-nuqqas ta' dehra tiegħu, jew ikkunsidra bħala ġustifikazzjoni fatt li din il-Qorti forsi ma kienetx kieku hekk tikkunsidra; dwar dan il-Qorti mhix qegħda tesprimi ruħha; iżda jeħtieġ illi jidher illi, meta għamel dan, il-Bord ivvijola l-liġi jew għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi;

L-appellant għamel riferenza, fil-paragrafu 3 tan-nota tiegħu fol. 22, għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, u dan biex jgħid illi, meta hemm interpretazzjoni tal-liġi, hemm dejjem kwistjoni legali li tirrendi d-deċiżjoni tal-Bord appellabbli; iżda ebda waħda minn dawk is-sentenzi ma għandha analoġija mal-każ preżenti;

Hawnhekk il-Bord ma ta' ebda nterpretazzjoni tal-liġi, iżda għamel sempliċi valutazzjoni ta' fatt imħollija fid-dikrezzjoni tiegħu. Verament, għar-rigward tad-dispożizzjoni tal-liġi in eżami, diffiċli li jkun hemm lok ta' nterpretazzjoni legali. Il-kliem hu ċar, u jfisser dak li jgħid.

Tista' tkun żbaljata l-applikazzjoni tagħha għaċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari fis-sens li ġa ntqal, jiġifieri illi l-Bord jqis bħala ġustifikazzjoni għall-assenza fatt li seta' ma jġix hekk ikkunsidrat; imma dan, minnu nnifsu, ma jikkostitwix kwistjoni ta' punt ta' liġi;

Però l-appellant imur oltre. Hu jissottometti illi fil-każ preżenti l-Bord mhux biss apprezza (kif jgħid hu, ħażin) ir-raġuni tal-assenza mogħtija mill-appellant Paolo Galea, iżda, apparti minn dan, mexa fuq presuppost legali żbaljat u enunċja l-liġi bi kriterju skorrett, meta estenda dik il-ġustifikazzjoni għall-appellat l-ieħor Giuseppe Galea;

Kif ġa ntqal, il-Bord sab illi l-appellat Paolo Galea kien iġġustifika n-nuqqas ta' komparizzjoni tiegħu; mbagħad kompla jgħid hekk:— "Għal ħuh Giuseppe ma ġiet addotta ebda raġuni; però, ladarba t-talba hija waħda, ma tistgħax tiġi milqugħa għal wieħed u miċħuda għall-ieħor; jekk tiġi ammessa għal Paolo Galea, jibbenefika Giuseppe Galea wkoll";

Fil-fehma tal-Qorti, din hi kwistjoni legali. Hawn mhix iżjed kwistjoni ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni jew valutazzjoni ta' fatt, imma deċiżjoni ta' punt legali;

Iżda l-Qorti jidhrilha illi r-raġunament tal-Bord hu sewwa. It-talba oriġinali, li saret miż-żewġ appellati flimkien, hi waħda. Id-dispożizzjoni tal-art. 34 fuq ċitat, li jgħiegħel lill-Bord jiċħad it-talba meta r-rikorrent ma jidhirx għas-smiegħ, hi evidentement bażata fuq il-preżunzjoni illi n-nuqqas ta' dehra jfisser abbandun tad-domanda. Meta r-rikorrenti jkunu tnejn jew iżjed flimkien, u ħadd minnhom ma jidher, id-domanda tiġi miċħuda għalihom il-koll; iżda jekk anki wieħed biss minnhom jiġġustifika f'għajnejn il-Bord in-nuqqas tiegħu, u b'hekk iwaqqa' dik il-preżunzjoni, id-dritt tiegħu li l-kawża terġa tinstama ma jistgħax jiġi negat. Jekk b'dan jibbenefikaw anki l-oħrajn li ma ġġustifikawx ukoll in-nuqqas ta' dehra tagħhom, dan ma jiġrix minħabba xi indulġenza lejhom, iżda sempliċement għaliex hu inevitabbli ġaladarba d-domanda tkun waħda u ndiviżibbli;

*Mill-bqija, ma jidherx li hemm kwistjonijiet legali* oħra fid-deċiżjoni appellata. L-appellanti għamel riferenza għal diversi sentenzi tal-Qrati Tagħha li stabbilew il-prinċipju illi l-kontumaċja kolpuża mhix skużabbli; iżda anki jekk wieħed jirritjeni illi n-nuqqas ta' komparizzjoni tar-rikorrenti, kontemplat fl-imsemmi art. 34 ta' din il-liġi, għandu jkun dixxiplinat bl-istess prinċipju tal-kontumaċja tal-konvenut kontemplata mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jibqa' dejjem illi għall-applikazzjoni ta' dak il-prinċipju f'ku'l każ partikulari jeħtieġ l-ewwelnett li jiġi stabbilit *illi n-nuqqas ta' dehra kien tassew kolpus, ċjoè dovut għal* negliġenza, u mhux skużabbli jew ġustifikat; u din l-ewwel indaġini, normalment, hija ndaġini ta' fatt, sakemm ma jkunx hemm involuta fiha f'xi każ speċjali kwistjoni ta' liġi. F'dan il-każ preżenti, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-Bord, meta aċċetta bħala ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' dehra ta' Paolo Galea r-raġuni mogħtija minnu, ma għamelx ħlief applikazzjoni ta' fatt;

Għal dawn il-motivi l-appell ma jistgħax jiġi milqugħ, u l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell, u fis-sens *tal*-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma d-deċiżjoni appellata. Bl-ispejjeż kontra l-appellant.